MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2005

Numru 254/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**

**V**

**VINCENT CUCCIARDI**
**BRIAN MALLIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **VINCENT CUCCIARDI** ta’ erbgha w erbghin sena bin Vincent u Stella nee Azzopardi, imwieled l-Isla nhar d-dsatax ta' Marzu 1959 u joqghod Flat 1, Two Gates Street, Senglea, detentur tal-karta tal-identita numru 212559M, u BRIAN MALLIA ta' sebgha w ghoxrin sena bin Louis u Alfrida nee Borg, imwieled Pieta nhar l-hdax ta' April 1974 u residenti 79, Tirq l-Bajjada, Haz Zabbr, detentur tal-karta tal-identita numru 321374M gew imressqa quddiemha akkuzati talli f'Malta matul dawn l-ahhar xhur u qabel Marzu tas-sena 2003, b'diversi atti

maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

1. fil-Marsa nhar t-tlettax ta' Mejju 2002, wara nofsinhar ikkommettew serq ta' wallet kontenenti diversi oggetti fosthom flus kontanti, credit cards, u cheque book mahrug mill-HSBC minn go karozza tal-ghamla Peugeot 405 bin-numru ta' registrazzjoni ACT 369 ghad-dannu ta' John Pace, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. talli fil-Floriana nhar s-sittax ta' Marzu 2003 wara nofsinhar ikkommettew serq ta' divedrsi oggetti li jikkon sistu f'ghodda w apparata iehor u flus kontanti li jiswew aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin minn go hanut blisem 'Pari' li hu sitwat fi Triq San Tumas, Floriana, ghad-dannu ta' Paul Cacciattolo liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur;

3. **talli lil Brian Mallia wahdu**, fil-jiem ta' qabel l-hmistax ta' Marzu 2003, mill-lukanda Qawra Palace, sitwata fil-Qawra, matul l-gurnata kkommetta serq semplici ta'; cheque book ghad-dannu ta' Louis Mizzi ghan-nom tal-kumpanija Mallard Company Limited, u/jew l-HSBC fil-branch ta' San Pawl il-Bahar;

4. **talli tnejn flimkien** fix-xhur ta' qabel s-sbatax ta' Marzu 2003, f'Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruq jew li gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan ar f'Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex jbieghhom jew imexxuhom;

5. **talli t-tnejn flimkien** talli huma recidivi b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u talli kkommettew reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa w ghoxrin ta' Marzu 2003 [fol 26] sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza fuq riferita.

Semghet lil imputati fis-seduta tad-dsatax ta' Marzu 2003 jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni l-kaz taghhom jigi

trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 6 et seq].

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tas-sebgha ta' Settembru 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar is-sitta w ghoxrin ta’ Mejju, 2003 (fol 90) l-imputat Vincent Cucciardi fil-presenza tal-avukat difensur tieghu irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif addebitati kontra tieghu, u dan wara li inghata bizzejjed zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Illi a bazi ta’ din l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat, il-Qorti m’ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu.

Il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa il-provi migbura mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-ko-akkuzat Brian Mallia.

Il-Prosekuzzjoni nhar is-sitta w ghoxrin ta’ Marzu, 2005 (fol 30) esebiet l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Brian Mallia a tempo vergine tal-investigazzjoni nhar id-dsatax ta’ Marzu, 2003 li giet immarkata bhala dokument DS 1.

Minn esami tal-istess jirrizulta bic-car li l-imputat ammetta li kien ha sehem fis-serqa mill-hanut taz-zebgha fi Triq San Tumas il-Furjana.  Huwa spjega kif effettivament ottjena dhul ghall-fond derubat billi jghid li sgassa post ma gemb il-hanut waqt li kien mal-ko-akkuzat Cucciardi u ohrajn, u waqt li kienu fil-fond adjacenti qalghu kantun u dahlu gol-hanut.  Kien il-Hadd filghodu u dakinhar ha dak kollu li gie ghal idejh, u hadhom fil-post tal-ko-akkuzat Cucciardi f’Wied il-Ghajn.  Ikkonferma li sehmu minn din

is-serqa ammontat ghall-sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm 27).

Meta gie mistoqsi dwar is-serq ta’ cheque book minn gol-Qawra Palace huwa mill-ewwel ammetta il-partecipazzjoni tieghu. Spjega li kien mar japplika ghax-xoghol gewwa l-Qawra Palace u kif kien hemm fl-ufficcju tal-lukanda ra cheque book u hadu u tah lill-ko-akkuzat Cucciardi.

Illi din il-prova moghtija minnu waqt l-istqarrija qatt ma gew michuda minnu fi stadju ulterjuri u ghalhekk stante li l-istess provi huma korroborati mix-xhud tal-Prosekuzzjoni stess fis-sens li l-*modus operandi* ghad-dhul fl-*ironmongery* sar kif spjegat minn Mallia stess u cioe` bl-ispostjar ta’ kantun u t-tehid tac-*cheque book* mil-lukanda *Qawra Palace* sar mill-ufficju tal-lukanda stess u ghalhekk tali zewg akkuzi gew provati mill-Prosekuzzjoni minn dak li qal Mallia stess fl-istqarrija li kien irrilaxxja *a tempo vergine* ta’ l-investigazzjoni.

Illi dwar l-akkuza ta’ serq minn go karozza tal-ghamla Peugeot 405 bin-numru ta’ registrazzjoni ACT 369 ghad-dannu ta’ John Pace il-Prosekuzzjoni m’ghandha l-ebda prova li kien l-imputat Mallia li kkommetta l-akkuza.

**Louis Mizzi**, accounts clerk fil-Qawra Palace Hotel jikkonferma li c-cheque esebit fil-Qorti bhala dokument CSH 2 huwa proprjeta` tal-lukanda Qawra Palace Hotel.

**Paul Cacciattolo** sid il-hanut Jubilee Store, Floriana jikkonferma li kien irrapporta s-serqa tal-ghaxra ta’ Marzu, 2003 lill-Pulizija u kien irraporta li kienu insterqulu diversi oggetti li sab neqsin fosthom flus, mutur tal-elettriku, batteriji, furmaturi, turnaviti u diversi ghoddod u kien irraporta l-valur tas-serqa bhala dik li teccedi is-sitt mitt lira Maltin (Lm600). Ikkonferma li ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta`. Qal illi kien inqala cangun minn gol-hanut tieghu (kif spjega Mallia stess) u sgass fil-bieb principali ma kienx hemm.

Illi l-espert tal-Qorti Horace Anastas ikkonferma li l-ammont tas-serqa kien ta’ Lm 465.86.

Illi a bazi ta' din ix-xhieda ta' Louis Mallia u Paul Cacciattolo flimkien ma dak li stqarr Mallia fl-istqarrija tieghu l-akkuza ta' serq mill-Qawra Palace Hotel u mill-fond Jubilee fi Triq San Tumas jirrizultaw ippruvati.

Dwar l-akkuza ta' serq mill-vettura ta' John Pace bin-numru ta' registrazzjoni ACT 369 nhar it-tlettax ta' Mejju, 2002, il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq lil John Pace jixhed jew li tressaq xi xhieda li jimplika lil Mallia f'din l-akkuza u ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax ippruvata.

Dwar l-akkuza ta' ricettazzjoni din il-Qorti diga iddikjarat li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza ta' serq mill-fond Jubilee fi Triq San Tumas, Floriana u mill-Qawra Palace Hotel u ghalhekk ma tistax issib lill-imputat Mallia hati ta' din l-akkuza ta' ricettazzjoni li zgur li inghatat mill-Prosekuzzjoni b'mod alternattiv ghall-akkuza principali ta' serq.

Dwar l-akkuza li Mallia huwa recidiv, il-Qorti ezawrit ix-xhieda tal-ex Spettur David Saliba mghotija nhar it-tnax ta' Novembru, 2003 (fol 133) u minn ezami tas-sentenza esebita minnu f'dik is-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija Spettur David Saliba vs Brian Mallia deciza nhar it-tnejn ta' Novembru, 1999 mill-Magistrat Antonio Mizzi in effett gharaf lill-imputat Brian Mallia bhala l-istess persuna kontra min inghatat din is-sentenza. F'dik is-sentenza l-imputat Mallia fuq ammissjoni tieghu stess kien instab hati ta' serq u gie ikkundannat ihallas multa. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-akkuza ta' recidiva fil-konfront ta' Brian Mallia tirrizulta ukoll ippruvata.

Il-Qorti ghalhekk rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli Artikoli 18, 49, 50, 261 b, c, g, 263, 267, 271 (g), 278, 280, 284, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeciedi li ssib lill-imputat Vincent Cucciardi hati tal-akkuzi kollha kif addebitati kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u lill-imputat Brian Mallia hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-mezz u valur mill-fond Jubilee mgharuf ukoll bl-isem "Pari" kif ukoll "Jubilee" ta' Triq San Tumas, Floriana u ta' serq

semplici mill-lukanda Qawra Palace Hotel u talli huwa recidiv u mhux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom.

Dwar il-piena:

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputati ppezentata fl-atti a fol 8 et seq u jirrizulta fil-konfront ta’ Vincent Cucciardi li sas-sena 2003 huwa kien diga instab hati ta’ diversi reati f’ghaxar “convictions” fuq varji akkuzi fosthom serq aggravat, pussess ta’ arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, offizi ta’ natura gravi fuq terzi, hsara volontarja u xi akkuzi kontra l-ordinanza tat-traffiku meta inghata piena ta’ multa u prigunerija izda dan nonostante l-imputat ma tghallimx ghaliex reggha qieghed il-Qorti akkuzat bl-akkuzi odjerni.

Filwaqt li fil-konfront ta’ Brian Mallia l-fedina penali tieghu ma tinstabx esebita fil-process pero` dan nonostante xorta din il-Qorti ser titratta mieghu bhala recidiv ghaliex fil-fatt hemm esebita s-sentenza mghotija fil-konfront tieghu u a bazi taghha din il-Qorti diga` iddikjaratu hati ta’ l-akkuzi u recidiva.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti thoss illi l-piena idoneja hija dik ta’ prigunerija fil-konfront taz-zewg akkuzati.

**Il-Qorti qeghda ghalhekk tiddikjara li qed issib lill-imputat Vincent Cucciardi hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta’ sentejn u nofs filwaqt li tiddikjara li qed issib lill-imputat Brian Mallia hati tal-akkuza ta’ serq aggravat bil-mezz u valur mill-fond Jubilee, Triq San Tumas, Floriana u serq semplici mill-lukanda Qawra Palace Hotel u talli hu recidiv u tikkkundannah ghall-piena karcerarja ta’ sentejn u mhux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnha.**

**Il-Qorti qieghda timponi piena karcerarcja differenti fil-konfront taz-zewg akkuzati ghaliex fil-fatt sabet lill-imputat Cucciardi hati tal-aktar reati milli sabet lill-imputat Mallia, u in oltre l-passat ta’ Cucciardi huwa aktar kriminali minn dak ta’ l-akkuzat Mallia.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------